Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 219 / 2018

Il-Pulizja

Vs

Maria Victoria Grech

Illum 20 ta' Novembru, 2018,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Maria Victoria Grech detentrici tal-karta tal-identita Maltija 98673M, akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Bejn is-26 t' Awwissu, 2017 u s-27 t' Awwissu, 2017, gewwa Triq Fisher, l-Imgarr:

1. Hebbet ghall-Hugh Grech u Edin Grech u kkagunat griehi ta' natura hafifa fuq l-imsemmija persuna, hekk kif iccertifikat Dr. Thea Chetcuti (Med Reg: 3330).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar is-27 t' April, 2018, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 221 (l) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti sabet lill-imsemmija mputata hatja tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u illiberatha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien xahrejn.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputata.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellanta Maria Victoria Grech, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar il-11 ta' Mejju, 2018, fejn talbet lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell billi **THASSAR U TANNULLA** s-sentenza appellata billi **TIDDIKJARA** l-istess sentenza nulla u bla effett; jew fin-nuqqas ta' dan, **TIRRIFORMA** s-sentenza appellata billi **THASSARAHA U TIRREVOKAHA** fil-htija tal-imputazzjonijiet u minflok tiddikjaraha mhux hatja taghhom u konsegwentement tilliberahah minnhom.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanta.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsisti fis-segwenti:

ILLI l-esponenti appellanta ser tkun qedha tinterponi dan l-umli appell kemm min-nullita' tas-sentenza u kemm mill-apprezzament tal-provi li ghamlet l-Ewwel Onorabbli Qorti.

**A. <u>Nullita' tas-Sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti</u>**

L-appellanta preliminarjament tissottometti illi s-sentenza moghtija fil-konfront taghha hija nulla u bla effett u dan peress illi fl-ewwel lok l-Ewwel Onorabbli Qorti sabet lill-appellanta hatja ai termini tal-artikoli tal-ligi specifikata minnha izda naqset milli timmotiva l-imsemmija sentenza.

Ghaldaqstant, il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali meta tat is-sentenza fil-konfront tal-appellanta naqset milli tiddikjara l-motivazzjoni ossia l-fatti ghaliex u kif waslet ghas-sentenza taghha fil-konfront tal-appellanta.

L-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li meta l-Qorti tippronunzja s-sentenza:

*"ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat."*

ILLI l-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Benjamino Camilleri et*** irriteniet illi:

> *L-Artiklu 382 tal-Kap 9 jghid li l-Qorti meta taghti s-Sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-Artiklu ta' dan il-Kodici jew kull Ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat. Hija konsegwenza logika illi meta fis-Sentenza taghha l-Qorti tghid il-fatti li dwarhom l-imputat ikun gie misjub hati trid tirreferi ghall-imputazzjonijiet illi jkunu gew dedotti kontra tieghu u dawn il-fatti jridu jirreferu ghal dawn l-imputazzjonijiet.*

Inoltre, l-istess Qorti fil-kaz ***Il-Pulizija vs. Keith Pace*** irriteniet illi:

> *Issa kif gie ritenut f' gurisprudenza kostanti sentenza tal- Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali li ma jkunx fiha dikjarazzjoni ta' liema fatti sabet lill-imputat hati, jew meta minnha ma jirrizultax car ta' x' hiex l-appellant gie misjub hati , jew meta f' kaz ta' imputazzjonijiet alternattivi, l-Qorti tiddikjara lill-imputat hati bla ma tghid ta' liema miz-zewg imputazzjonijiet hu hati u ghalhekk jigi li l-Qorti ma qalitx ta' x' hiex sabet lill-imputat hati, jew meta ma tghid xejn dwar akkuza partikolari, hija nulla u jekk il-kawza tigi appellata, il-Qorti tal-Appell tiddikjara n-nullita' tas-sentenza. (App. Krim. "Il-Pulizija vs. Francis Aquilina"[26.11.1960]; "Il-Pulizija vs. Frans Portelli" [3.2.1992] ; "Il-Pulizija vs.Piju Gafa' " [18.4.1959] ; "Il-Pulizija vs. Generoso Sammut" [13.10.2004] u ohrajn.)*[...]

ILLI s-sentenza appellata hija karenti minn dan l-element, is-sentenza moghtija fil-konfront tal-appellanta hija irrita u ghandha tigi dikjarata nulla stante illi l-ewwel Onorabbli Qorti tal-Magistrati ma segwietx d-dettami ta' l-Artikolu 382 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**B. Nuqqas ta' Apprezzament tal-Provi mill-Ewwel Qorti**

L-appellanta tishaq b' certu konvinzjoni u temmen li mhux seww li uliedha s-subien li hija taf kif rabiethom bhal ma rabbiet lill-ohthom li tirrisjiedi maghha, ghandhom

jaslu biex jigbu fuqha ... mhux tort taghhom izda tort ta' zewgha il-missier li kien u ghadu jinstiga lill-uliedhom is-subien li ormai illum jirresjiedu mieghu ... u kif manifestmanet jirrizulta mic-*cctv footage*, li kien ipprezentat quddiem l-Ewwel Qorti, uliedha subien jidhru jagixxu fil-konfront taghha u bi sfida [u inkejja] cara, bhala "rascals";

ILLI c-*cctv footage* jikkontrasta seww max-xhied li taw l-istess ulied permezz ta' *video conference* mizmuma mill-Magistrat sedenti tal-Ewwel Qorti ... u cioe' filwaqt li fil-*video conference* l-ulied jaghtu impressjoni li huma ' hrief' , mentri li mis-*cctv footage* jirrizulta li zgur m' humiex ' hrief' [!]

ILLI di piu' , fl-opinjoni tal-appellanta, l-Ewwel Qorti ma ghamlitx apprezzament tal-verzjonijiet kontrastanti bejn il-film u x-xhieda mightij mill-ulied meta l-agir tal-ulied juri bic-car li altru milli huma kapaci li jaslu biex jipprovokaw lill-appellanta omm li kif gja gie spjegat u li taf fic-cert li mhux it-tort taghhom izda ghaliex gew indottrinati [billi gew imweghda xi haga jekk jagixxu kif agixxu] minn missierhom[!]

Fil-fehma tal-appellanti, l-Ewwel Onorabbli Qorti dunque ma kellha qatt issib htija kontra taghha.

F' dan ir-rigward jinghad, illi ghalkemm appelli mill-apprezzament tal-provi, huma odjuzi, u dan peress illi Qorti ta' Appell, normalment ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti, **fil-kaz odjern, dan huwa necessarju, peress illi huwa manifest illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setghet qatt, *safely* u *satisfactory* tasal ghal konkluzjoni li waslet ghaliha.** Ghalkemm il-gurisprudenza f' dan ir-rigward hija wahda kopjuza, se jigu citati xi kazijiet illi jispjegaw car, meta l-Qorti tal-Appell ghandha tissindika d-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Onorabbli Qorti f' dak li huwa apprezzament ta' provi.

Fil-kaz ***il-<u>Pulizija v. Noel Buhagiar</u>***, deciza fl-ghaxra (10) ta' April tas-sena elfejn u tmienja (2008) fl-Appelli Inferjuri, il-Qorti spjegat hekk:

> Illi dan l-appell hu impernjat fuq l-apprezzament tal-fatti li sar mill-ewwel Qorti. Issa, kif dejjem gie ritenut minn din il-Qorti, l-Qorti tal-Appell ma

tissostitwix id-diskrezzjoni w l-gudizzju taghha ghal dak tal-Ewwel Qorti meta si tratta t' apprezzament tal-fatti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk il-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha l-Ewwel Qorti fuq il-fatti li jkunu rrizultawlha setghetx tasal ghaliha fuq bazi ta' ligi w ta' ragjonevolezza. Fi kliem iehor tara jekk dik il-konkluzzjoni kienetx *wahda "safe and satisfactory"* fid-dawl tar-rizultanzi.

L-istess intqal mill-Qorti tal-Appell Inferjuri fil-kaz fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Epifanio Azzopardi***, deciza fit-tletin (30) ta' Marzu, tas-sena kurrenti elfejn u sbatax (2017*)* kif ukoll App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et"** [12.5.94];**"Il-Pulizija vs. Emmanuel Mifsud"** [11.7.94]; **"Il-Pulizija vs. Joseph Zahra"** [10.5.2002].

Illi kif stqarr LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza "**R. v. Cooper"** (1969):

*court will be very reluctant to interfere with the jury' s verdict* (f' dan il-kaz il-konkluzjonijiet raggunti mill-Magistrat*), because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone. However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution' s evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed."* (Confer also: BLACKSTONE' S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392).

Ikkunsidrat;

Illi quddiem l-Ewwel Qorti il-prosekuzzjoni esebit affidavit ta' WPS 224 Susanne Mifsud flimkien ma rapport tal-Pulizija kif ukoll certifikati mediċi dwar Hugh Grech u Edin Grech. Xehdu l-minuri Edin Grech u Hugh Grech, kif ukoll Aaron Grech. Gew prezentati stills u pendrive mill-parti civile u DVDs mid-difiza. Xehdet is-social worker Luana Pace.

Illi fis-seduta ta' nhar l-għoxrin (20) ta' Settembru tas-sena elfejn u tmintax (2018) quddiem din il-Qorti ġie vverbalizzat li '*L-avukat generali jirrileva illi ir-rikors tal-appell*

*ntavolat mil-appellanti huwa null stante illi fit-tieni talba qed tintalab fl-istes nifs kemm ir-riforma u revoka tas-sentenza appellata.*'

Din is-sentenza sejra ghaldaqstant tkun limitata dwar l-eccezzjoni ta' nullita' tal-appell kif sollevata mill-Avukat Generali meta ssejjah l-appell u dwar l-aggravju tan-nullita' tas-sentenza li tqajjem mill-appellanta. Din il-Qorti ser tibda′ billi tikkunsidra l-aggravju tan-nullita' tal-appell imqajjem mill-Avukat Generali.

Illi it-talba maghmula mill-appellanta fl-appell taghha taqra kif isegwi:

'*GHALDAQSTANT, in vista tas-suespost, l-esponenti umilment qedha tinterponi dan l-appell mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti tal-Gudikatura Kriminali, tas-27 ta' April, 2018 fil-kawża fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Maria Victoria Grech" [Kaz Numru: 43 fuq il-lista], u titlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell billi THASSAR U TANNULLA s-sentenza appellata billi TIDDIKJARA l-istess sentenza nulla u bla effett; jew fin-nuqqas ta' dan, Tirriforma s-sentenza appellata billi THASSARHA U TIRREVOKAHA fil-htija stal-imputazzjonjiet. u minflok tiddikjaraha mhux hatja taghhom u konsegwentement tilliberahah minnhom.*'

L-artikolu 419 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra: (*1) Ir-rikors, barra mill-indikazzjoni komuni għall-atti ġudizzjarji,* ***għandu*** *jkun fih, -*
*(a) il-fatti fil-qosor;*
*(b) ir-raġunijiet tal-appell;*
*(ċ) it-talba għat-****taħsir jew għat-tibdil*** *tas-sentenza tal- qorti inferjuri*' (Emfazi mizjuda)

Issa fl-appell in ezami, l-appellanta talbet kemm it-tħassir u anke r-riforma tas-sentenza appellata fit-tieni talba tagħha ossia it-talba f'kaz li din il-Qorti ma tilqax l-ewwel talba tan-nullita tas-sentenza appellata. L-artikolu 419 jagħmilha cara li ir-rikors tal-appell ghandu jinkludi il-fatti fil-qosor, ir-ragunijiet tal-appell u t-talba ghat-thassir jew tibdil tas-sentenza appellata. Fit-test inkliz dan l-ahhar rekwizit huwa mnizzel bhala '*demand that the judgment of the inferior court be reversed or varied*'.

Din il-Qorti mit-talba tal-appellanta kif kontenuta fir-rikors tal-appell qiegħda tifhem li l-appellanta fl-ewwel lok in vista tal-ewwel aggravju imqajjem minnha dwar in-nullita' tas-sentenza appellata talbet li din il-Qorti it-thassir u l-annullament billi

tiddikjara s-sentenza nulla u bla effett. B'dan li l-appellanta kompliet li fin-nuqqas ta' dan, tirriforma s-sentenza billi thassarha u tirrevokaha fil-ħtija. Ghalhekk mad-daqqa t'ghajn din it-tieni talba hija wahda konfuzjonarja peress li tpoggi lil din il-Qorti f'dubju dwar jekk dak li qieghed jintalab minnha huwiex ir-riforma ossia t-tibdil jew minn naha l-ohra t-thassir tas-sentenza appellata.

F'dan ir-rigward, il-Qorti ser tibda billi ssir referenza ghat-tghalim gurisprudenzjali dwar l-artikolu 419 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs George Falzon'**[1] laqghet l-eccezzjoni tan-nullita sollevata mill-Avukat Generali u ddikjarat l-appell bhala null wara li fost numru ta' kunsiderazzjonijiet, ikkunsidrat li:

*'Fil-kaz odjern, l-appellant jehtieg li jqieghed lilu nnifsu fis-siggu tal-Qorti li fl-ahhar mill-ahhar trid tiddeciedi billi tilqa' jew tichad it-talba. F'dan il-kaz ma tistghax tilqa' t-talba biex tirriforma s-sentenza u fl-istess waqt tirrevokaha. A contrario senso ma tistax tichad it-talba ghar-riforma tas-sentenza u fl- istess waqt tirrevokaha ghaliex din jew ser tkun varjata jew revokata'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Supt. Stephen Gatt) vs Bartolomew Caruana'**[2] gie kkunsidrat:

*'Ir-rekwiziti msemmija fl-Artikolu 419 (1) tal-Kodici Kriminali huma ta' ordni pubbliku u bhala tali huma sollevabbli ex- officcju mill-Qorti jew mil-partijiet fi kwalunkwe stadju tal-proceduri. Il-Qorti dejjem interpretat dawk il-kweziti bl- aktar mod strett u ricidu. Tant hu hekk, fil-kawza "Pulizija kontra Joseph Galea" deciza mil-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-30 ta' Gunju 1995 intqal 'Bhala regola generali, l-Artikolu 419 (1), cioe li r-rikors ghandu jkun fih it-talba ghat-thassir jew ghat-tibdil tas-sentenza giet "very strickly and rigidly interpreted".*

*"Ghal kemm il-Ligi titkellem dwar talba ghat-thassir jew ghat-tibdil, fil-prassi tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali dejjem gie accettat, fil-kazijiet li hekk jippermettu, li jkun hemm kemm talba ghat-thassir kif ukoll talba ghat-tibdil purche illi din it-talba tkun subordinata ghal-ewwel wahda. Infatti, anke jekk jintalab biss ghat-thassir, il-Qorti tista' minflokk thassar ghal kollox*

[1] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-30 ta' Ottubru, 2017 (Appell Nru. 20/2017)

[2] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-19 ta' Jannar, 2012 (Appell Kriminali Numru. 163/2010)

*is-sentenza u konsegwentement tillibera lil l-appellant jew issib hati lil l-appellant – skond min ikun appella – tilqa l-appell in parti u tbiddel is- sentenza, per ezempju limitatament ghal piena inflitta fuq l-appellant. Mill-banda l-ohra, jekk is-sentenza appellata tkun in parti sabet hati lil l-appellant u in parti illiberatu minn xi akkuzi jew imputazzjonijiet, dejjem gie retenut li jekk flok talba ghal bdil issir talba ghat-thissir, ir-rikors ikun null".*

*"Ir-raison d'etre ta' l-Artikolu 419 (1) (A) (B) (C) huwa simplifikazzjoni u kjarezza li l-legislatur ried li r-rikors ta' appell ghandu jkun redatt b'ta' li mod li mil-ewwel ipoggi kemm lil Qorti kif ukoll lil intimat fil-pozizzjoni li jkun qieghed ezatt x'inhuma l-fatti kollha essenzjali, minn xiex qieghed jilmenta l-appellant u x'inhu qieghed jitlob. Il-vot tal-Ligi ma jkunx sodisfatt jekk dawn ikunu sparpaljati l'hawn u l'hinn b'mod li wiehed irid joqghod jistad ghalihom biex forsi jindividwhom".*

*L-insenjament ta' din is-sentenza huwa car. It-thassir jew it-tibdil huma alternattivi u ma jistghux jintalbu flimkien salkemm wahda ma tkunx subordinata ghal ohra. F'dan il-kaz l-appellant tefa' kollox f'keffa wahda u talab il- possibiltajiet kollha bhal li kieku xi wahda sejjer jolqot. Bir- rispett, dan m'huwiex il-mod kif isiru l-atti tal-Qorti u fil- waqt li huwa minnu illi l-Qorti tiprova kemm jista' jkun ma tkunx formali zzejjed f'certa dispozizzjonijiet li jikkoncernaw ordni pubbliku ma tistax tkun leggera u thalli kollox ghaddej.'*

Il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Spettur Yvonne Farrugia Vs Frances Scerri'**[3], ididikjarat l-appell bhala null wara li qieset it-tghallim gurisprudenzjali u kkunsidrat li:

*'Issa huwa indubitat illi id- decizjoni impunjata sabet reita' ghar-reati kollha addebitati lill-appellanti u li hi qed tilmenta minn din is-sejbien ta' htija fuq bazi generali. Di piu mir-rikors ta'l-appell lanqas jidher illi hemm xi aggravvju marbut biss mal-piena erogata mill-Ewwel Qorti ghalkemm d-difensur ta'l-appellanti isemmi dina l- lanjanza fil-kors tat-trattazzjoni orali. Kwindi ma hemm l-ebda talba subordinata ghal dik tat-thassir billi tintalab xi riforma biss fil-piena inflitta. It-talba hija ghal kollox kontradittorja billi jidher illi b'mod ewlieni qed tintalab ir-riforma u dan ghandu isir, fil-fehma tal-appellanti, billi din il- Qorti tirrevoka d-decizjoni impunjata fl-intier taghha. Talba li evidentement ma tottemperax ruhha*

[3] Deciza mill-Qorti tal-Appell kriminali nhar is-26 ta' Jannar, 2017 (Appell nru: 531/2015)

*mar-rekwiziti stabbilita fl-artikolu 419, hawn fuq iccitata taht piena ta' nullita'.*

Illi kien hemm Qrati fejn ħadu atteġjament anqas rigidu u ddecidew li jsalvaw l-att. Filfatt fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt. Fabian Fleri) Vs Joseph Galea'**[4] gie ikkunsidrat li:

*'Ir-raisond'etre ta' l-Artiklu 419 (1) huwa s-simplifikazzjoni u l-kjarezza li l-legizlatur ried li r-rikors ta' l-appell ghandu jkun redatt b'tali mod li mill-ewwel ipoggi kemm lill-Qorti kif ukoll lill-intimat li jkun jafu ezatt x'inhuma l-fatti kollha essenzjali, minn xiex qed jilmenta l-appellant u x'inhu jitlob. Il-vot tal-Ligi ma jkunx sodisfatt jekk dawn ikunu sparpaljati 'l hawn u 'l hinn b'mod li wiehed irid joqghod jistad ghalihom biex forsi jindividwahom."*

*Ikkunsidrat.*

*Ma hemmx dubju illi r-rikors messu kien redatt ahjar u hemm element konfuzjonali fil-hsieb tat-talba tieghu u din il-Qorti kellha toqghod tfittex fil-korp tar-rikors biex tara ezattament x'ried jghid l-appellant u ghalxiex kien qed jirreferi meta talab l-annullament u t-thassir tas-Sentenza. Ghalhekk skont il-principju fuq annuncjat din il-Qorti ghandha tiddisponi minn dan l-appell billi tiddikjarah null. Pero', l-Qorti ghandha ripensament fuq din il-gurisprudenza u filwaqt illi tiddikjara illi bhala principju l- hsieb imfisser b'din is-Sentenza huwa validu, dan m'ghandux ikun ta' pregudizzju ghall-appellant illi aktar u aktar kaz ta' habs illi jkun priv minn smieh ta' appell u kunsiderazzjoni dwar il-mertu, dejjem skont il-gurisprudenza kostanti f'dan ir-rigward tal-kaz tieghu. F'dan il-kaz, l-appellant qieghed jinfacca prigunerija ta' disa' (9) xhur, oltre multa sostanzjali ta' ghoxrin elf Euro (€20,000) u minkejja d-diffikulta li qed titfacca din il-Qorti biex tifhem sew ezattament x'talab ma jkunx gust illi dan l- appell jigi ddikjarat null u kull tama li jista' jkollu ghar- revizjoni tas-Sentenza tisfuma fix-xejn u jkollu jinfacca l- konsegwenzi serji imposi fuqu fuq l-ewwel Sentenza minghar il-possibilta tad-doppju ezami. Il-Qorti jidhrila illi dan id-dritt huwa mportanti wisq ghall-appellant biex jigi mitluf sempiciment minhabba "poor drafting" tar-rikors ta' l-appell. Veru li l-ligi qieghda hemm biex tigi osservata imma lanqas ghandha tintuza sabiex jigi kkalpestat dritt fundamentali ta' l-appellant: id-dritt illi jkollu revizjoni tad- decizjoni moghtija mill-ewwel Qorti. Ghalhekk f'dan il-kaz, minkejja l-istat konfuzjonali*

[4] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nharis-17 ta' Settembru, 2012 (Appell Kriminali Numru. 396/2011)

*tat-talba tar-rikors ta' l-appell il-Qorti, sejra tikkonsidra illi t-talba ta' l-annullament u thassir tas-Sentenza u r-riforma ta' l-istess Sentenza jkunu sub-ordinati ghal xulxin biex b'hekk tissana r-rikors u tkun tista' tisimghu fuq il-mertu.'*

Ikkunsidrat;

Illi permezz tal-Att 1 tal-2018 li dahal fis-sehh fid-dsatax ta' Jannar tas-sena elfejn u tmintax (2018) il-kliem "*taħt piena ta' nullita'*" fl-artikolu 419 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta gew imhassra. Ghalhekk peress li s-sentenza appellata giet deciza fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' April tas-sena elfejn u tmintax (2018) filwaqt li r-rikors tal-Appell gie prezentat fil-hdax (11) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmintax (2018), l-uzu tal-kliem 'tirriforma' u 'thassar' fit-tieni talba tar-rikors tal-appell u għalhekk bi ksur ghal dak li jispecifika l-artikolu 419 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, xorta ma jwassalx ghan-nullita tal-appell. F'dan ir-rigward kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs Wayne Fenech'**[5]:

*'Illi t-talba tal-appellant hija wahda konfuzjonarja ghall- ahhar u li ma kienx ghall-emendi introdotti bl-Att I tal-2018, rikors konsimili kien ikun possibilment soggett ghal ezitu infelici. Ghalkemm l-imsemmi att emenda l-artikolu 419 tal-Kodici Kriminali billi nehha l-piena ta' nullita' fejn si tratta inter alia tat- talba ghat-tahsir jew tibdil tas-sentenza kif ukoll fl-artikolu 520 li jaghmel applikabbli l-artikoli tal-Kodici ta' Organizzazzjoni ta' Procedura Civili, ma jfissirx b'daqshekk illi l-appellant, ossia l- avukat difensur tieghu, jista' juri daqstant apatija u nuqqas ta' struzzjoni fil-ligi billi jixhet b'daqstant leggerezza dak kollu li jigi f'rasu fir-rikors tal-appell biex imbaghad il-Qorti tara hi x'tista' testrapola minnu. L-agir tad-difensur tal-appellant imur oltre billi azzarda jakkludi dokumenti godda mar-rikors tal-appell tieghu minghajr il-permess preventiv tal-Qorti skond id-dispost tal- artikolu 424 tal-Kodici Kriminali;*

*3. Ventilat dan, u minghajr ebda dell fuq l-appellant inniffsu, din il-Qorti ser tghaddi biex taghmel il-kunsiderazzjonijiet taghha sia dwar is-sejbien ta' htija kif ukoll dwar il-piena u dan ai termini tal-artikolu 143 (4) tal-Kapitolu 12 tal-ligijiet ta' Malta applikabbli bl-artikolu 520 (1)(c) tal-Kapitolu 9 li jiddisponi li talba ghat-thassir tinkludi talba ghat-tibdil tas-*

[5] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-10 ta' Settembru, 2018 (Appell Nru. 143/2018)

*sentenza;* '

Għalhekk din il-Qorti in vista tal-emendi ricenti, qieghda tichad l-eccezzjoni mressqa mill-Avukat Generali fejn talab li r-rikors tal-appell jigi dikjarat null, u sejra ghalhekk *ai termini* tal-artikolu 143(4) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta applikabbli bl-artikolu 520(1)(c) tal-Kapitrolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkunsidra li l-kelma 'thassir' tinkludi kemm l-annullament u anke t-tibdil tas-sentenza appellata.

F'dan l-istadju għalhekk, din il-Qorti sejra tikkunsidra l-ewwel aggravju tal-appell tal-appellanta rigwardanti n-nullita o meno tas-sentenza appellata.

Ikkunsidrat;

Illi l-Ewwel Aggravju tal-appellanta jirrigwarda n-nullita tas-sentenza appellata u dan peress li l-Ewwel Qorti sabet lil appellanta hatja *ai termini* tal-artikoli tal-ligi specifikata minnha izda naqset milli timmotiva l-imsemmija sentenza.

L-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra:

'*Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat,* ***<u>għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati</u>****, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat*'.

Tibda billli ssir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija Vs Carmel Polidano'</u>**[6] fejn gie kkunsidrat:

'*Jiġifieri għall-validita` huwa suffiċjenti illi sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati ssemmi l-fatti (ossia l-imputazzjonijiet) li tagħhom persuna tkun instabet ħatja, il-piena u l-artikoli li jikkontempaw ir- reati li tagħhom persuna tkun instabet ħatja. Minn dan l- Ewwel Qorti ma tippekkax fis-sentenza appellata peress illi tikkontjeni dawn l-elementi kollha. Imbagħad l-artikolu 662(2) jipprovdi: "Kull deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali u tal-Qorti Kriminali li biha tiġi deċiża kwistjoni ta' liġi, għandu jkun fiha qabel kollox ir-raġunijiet li jkunu wasslu l-qorti għal dik id-deċiżjoni". Jiġifieri sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati li ma ssemmix ir- raġunijiet li wassluha għad-deċiżjoni tagħha ma titqiesx nulla.*

[6] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-11 ta' Dicembru, 2013 (Appell Kriminali Numru. 338/2013)

*Naturalment huwa dejjem rakkomandabbli li jissemmew almenu minimu ta' raġunijiet, iżda n-nuqqas tagħhom ma jwassalx għan-nullita` tas-sentenza.'*

Sentenza li tikjarifika dak li l-legislatur ried ifisser bil-kelma '*fatti*' fl-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta hija dik fl-ismijiet **'Il-Pulizija v. Elton Abela'**[7]:

'*Il-fatti li l-artikolu 382 jirreferi ghalihom huma l-fatti tar-reat u mhux, kif jippretendi l-appellant, il-fatti li jiggustifikaw il- kundanna ossia l-motivazzjoni. Fis-sentenza appellata l-fatti tar-reat huma effettivament elenkati fil-bidu nett. L- ewwel Qorti mbaghad ghaddiet biex telenka l-artikoli tal- ligi relattivi ghal dawk ir-reati kollha u ddikjaratu hati wara li qalet li kienet semghet ix-xhieda kollha u ezaminat id- dokumenti esibiti. Dak li kellha f'mohha l-ewwel Qorti huwa car, cioe` li kienet qed issib il-htija ghall- imputazzjonijiet kollha peress li ma ghamlet l-ebda kwalifika, u wiehed m'ghandux ghalfejn janalizza s- sentenza biex jipprova jiddetermina ta' x'hiex hija kienet qed issib lill-appellant hati. Certament kien ikun deziderabbli li kieku l-ewwel Qorti ziedet il-kliem "ta' l- imputazzjonijiet kollha" wara l-kelma "hati".*'

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt. P. Micallef Grimaud) Vs John Axiak Omissis'**[8] wara li l-Avukat Generali qajjem eccezzjoni dwar in-nullita tal-appell tal-appellant u wara li qieset kemm it-talba fl-appell u anke l-parti disposittiva tas-sentenza, fost kunsiderazzjonijiet ohra kkunsidrat li:

'*Inoltre kif fuq intqal, l-Ewwel Qorti ma qalitx espressament ta' x' hiex qed issib htija u minn x' hiex kienet qed tillibera lill-appellant u dan jista' jiftiehem biss b'implikazzjoni, fatt dan li seta' bir-ragun kien il-kagun tal-appell in parti nebuluz tal-appellant li fuqu l-Avukat Generali bbaza l- eccezzjoni tieghu tan-nullita' tar-rikors tal-appell. Issa ukoll skond il-gurisprudenza kostanti, meta l-Qorti tal-Magistrati tati s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom ikun misjub hati.*'

L-appellant fl-appell tiegħu jagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt. Trevor Micallef) Vs Omissis Benjamino Camilleri'**[9] fejn dik il-Qorti ikkunsidrat li:

'*L-Artiklu 382 tal-Kap 9 jghid li l-Qorti meta taghti s- Sentenza kontra l-imputat, ghandha*

[7] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 ta' Jannar, 2005 (Appell Kriminali Numru. 194/2004)
[8] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Mejju, 2005 (Appell Kriminali Numru, 61/2005)
[9] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-17 ta' Settembru, 2012 (Appell Kriminali Numru. 109/2011)

*tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-Artiklu ta' dan il-Kodici jew kull Ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat. Hija konsegwenza logika illi meta fis-Sentenza taghha l-Qorti tghid il-fatti li dwarhom l-imputat ikun gie misjub hati trid tirreferi ghall-imputazzjonijiet illi jkunu gew dedotti kontra tieghu u dawn il-fatti jridu jirreferu ghal dawn l-imputazzjonijiet. F'dan il-kaz jidher illi hemm xi mputazzjoni illi dwarhom il-fatti ma gewx indikati u dan ipoggi lill-appellant f'sitwazzjoni ta' ncertezza illi huwa ma jafx ezatt ghalxiex gie misjub hati. Ovjament Sentenza ma jistax ikollha dawn il-konsegwenzi u dana jammonta ghal nuqqas ta' formalita sostanzjali li ghandha twassal ghan-nullita tas-Sentenza.'*

L-appellant jaghmel ukoll referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija vs. Keith Pace'</u>**[10] fejn gie kkunsidrat li:

'*Issa kif gie ritenut f' gurisprudenza kostanti sentenza tal- Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali li ma jkunx fiha dikjarazzjoni ta' liema fatti sabet lill-imputat hati, jew meta minnha ma jirrizultax car ta' x'hiex l- appellant gie misjub hati , jew meta f' kaz ta' imputazzjonijiet alternattivi , l-Qorti tiddikjara lill-imputat hati bla ma tghid ta' liema miz-zewg imputazzjonijiet hu hati u ghalhekk jigi li l-Qorti ma qalitx ta' x'hiex sabet lill- imputat hati , jew meta ma tghid xejn dwar akkuza partikolari, hija nulla u jekk il-kawza tigi appellata, il- Qorti tal-Appell tiddikjara n-nullita' tas-sentenza . (App. Krim.* ***"Il-Pulizija vs. Francis Aquilina"***[11]*;* ***"Il- Pulizija vs. Frans Portelli"***[12]*;* ***"Il-Pulizija vs. Piju Gafa' "***[13]***;*** ***"Il-Pulizija vs. Generoso Sammut"***[14] *u ohrajn.)*' (Emfażi miżjuda u dettalji tas-sentenżi ċitati jinsabu aktar l-isfel fin-noti ta' qiegħ il-paġna)

Fis-sentenza citata[15], dik il-Qorti kompliet tikkunsidra li:

'*Veru li gie ritenut ukoll fl-Appell Kriminali :* ***"Il-Pulizija vs. Emmanuel Zammit"***[16] *li meta s-sentenza originali tkun miktuba fuq ic-citazzjoni li fuqha jkun hemm riprodotti l-fatti u mis-sentenza kif redatta ma jkunx hemm dubju dwar liema fatti jkun gie misjub hati l-imputat , il- formalizmu ma hemmx postu u ghandha tigi salvata s- sentenza, pero' dan ma*

[10] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Mejju, 2005 (Appell Kriminali Numru. 51/2005)
[11] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-26 ta' Novembru, 1960;
[12] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-3 ta' Frar, 1992;
[13] Deciza mill-Qorti ta-Appell Kriminali nhar it-18 ta' April, 1959;
[14] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-13 ta' Ottubru, 2004.
[15] Fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Keith Pace', deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Mejju, 2005 (Appell Kriminali Numru. 51/2005)
[16] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-16 ta' Jannar, 1986

*hux il-kaz, ghax hawn si tratta ta' sentenza motivata u mhux miktuba fuq il-kopja tal-komparixxi li jkollha l-Qorti bhal kif jigri kwazi dejjem fil- kawzi li jinstemghu bil-procedura sommarja, u proprju hemm id-dubji fuq imsemmija.*' (Emfażi miżjuda u dettalji tas-sentenżi ċitati jinsabu aktar l-isfel fin-noti ta' qiegħ il-paġna)

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Spettur Angelo Gafa Vs Paul Chetcuti Caruana'**[17], il-Qorti kkunsidrat li:

'*Jibda biex jinghad illi l-appellant tressaq il-Qorti fuq procedura sommarja fid-distrett tal-Mosta f'liema kaz allura l-Qorti tal-Magistrati biex tissodisfa l-vot tal-ligi kien ikun bizzejjed li taghmel riferenza ghall-fatti kif esposti fic- citazzjoni, tindika l-artikoli tal-ligi u taghmel id-dikjarazzjoni ta' htija o meno u jekk ikun il-kaz, il-piena. M'ghandhiex ghalfejn terga' tirrepeti b'mod aktar dettaljat il-fatti kif jidhru fil-bidu tac-citazzjoni peress illi jekk ippruvati, l-Qorti tista' taghmel pjena riferenza ghalihom u xejn aktar. F'dan il-kaz il-Qorti hekk ghamlet u teknikament ma hemm xejn hazin fis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati. Però din il-Qorti tirrileva illi mhux il-kawzi kollha sommarji ghandhom jimxu bl-istess mod peress illi certa kawzi ghad illi jkunu bdew bi procedura sommarja jkunu ta' certa importanza u tajjeb illi tinghata motivazzjoni ghar-ragunament tal-Qorti. F'dan il- kaz il-motivazzjoni hija nieqsa kompletament u hawnhekk din il-Qorti thoss illi ghandha ticcensura 'l-Qorti tal-Magistrati peress illi f'kawza bhal din kien jimmerita motivazzjoni u konsiderazzjonijiet u mhux taqbad u tiddeciedi fuq il-htija o meno minghajr ma taghmel l-icken motivazzjoni jew konsiderazzjoni. Il-Magistrat ghandha taghraf tiddistingwi l-importanza ta' kawza minn ohra u fejn normalment forsi jkollha ragun illi ma jkollhiex ghalfejn tidhol fil-motivazzjoni, certa kawzi però min-natura taghhom stess jirrikjedu aktar studju, motivazzjoni u konsiderazzjonijiet, u dina hija proprja wahda minnhom fejn il-Qorti imissha tat aktar importanza ghas-serjetà ta' din il-kawza u l-konsegwenzi taghha. Hi x'inhi, però, bhalma già inghad, teknikament l-ewwel Qorti kienet korretta bil-mod kif kitbet is-sentenza u ma tistax din il- Qorti tilqa' t-talba ta' nullità tal-appellant.*'

Ikkunsidrat;

Illi fis-sentenza appellata, l-Ewwel Qorti wara li nizlet x'kienet l-akkuza nizlet:

'*Rat id-dokumenti kollha ezebiti;*

[17] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Frar, 2014 (Appell Kriminali Numru. 559/2012)

*Rat l-atti kollha tal-kawza;*

*Semgħet lill-partijiet;*

***Ikkunsidrat**;*

*Wara li rat l-Artikolu 221(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmija mputata hatja tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni w qed tilliberha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien xahrejn.*

*Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputata.'*

Din il-Qorti temmen li f'kawzi bhal din in ezami fejn si tratta ta' allegata offiza hafifa fuq il-persuna ta' zewg minuri minn ommhom, ikun ta' beneficcju ghal partijiet kollha li titnizzel il-motivazzjoni li abbazi taghha il-Qorti tkun waslet ghal decizjoni ta' htija. Minkejja dan, stante li jirrizulta li l-Qorti fis-sentenza apppellata nizlet l-imputazzjoni, l-artikolu li dwaru sabet il-htija u l-piena f'dan il-kaz il-liberta kundizzjonata ifisser li l-kweziti tal-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta gew rispettati u għaldaqstant din il-Qorti ma tistax tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellant. In-nuqqas ta' motivazzjoni ta' sentenza ma twassalx ghan-nullita tas-sentenza u f'dan ir-rigward din il-Qorti thoss li hemm lok li ssir emenda fejn ikun rikjest li f'sentenza jitnizzel il-hsieb jew motivazzjoni li jkun wassal lil dik il-Qorti ghad-decizjoni li waslet ghaliha.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad l-eccezzjoni mressqa mill-Avukat Generali dwar in-nullita tal-appell kif ukoll l-ewwel aggravji tal-appellanta rigwardanti n-nullita tas-sentenza appellata u tordna l-prosegwiment tas-smiegh tal-appell.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur